



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tat-12 ta' Settembru 2018 – RE vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-257/17)

“Rikors għal annullament u għad-danni – Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Rifjut impliċitu ta' aċċess – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni – Rifjut espliċitu ta' aċċess – Adattament tat-talbiet – Artikolu 86(4)(a) u (b) tar-Regoli tal-Proċedura – Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura – Inammissibbiltà”

1. *Proċedura ġudizzjarja – Adattament tat-talbiet fil-mori tal-kawża – Rekwiżiti formali – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati – Traspożizzjoni tal-motivi inizjali – Kundizzjonijiet*
(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 86(4)(a) u (b))

(ara l-punti 40, 41)

2. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d))

(ara l-punti 54-56)

3. *Proċedura ġudizzjarja – Rikors promotur – Rekwiżiti formali – Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima – Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati – Rikors intiż għall-kumpens għad-danni kkawżati minn istituzzjoni tal-Unjoni – Talba intiża għall-kumpens għal dannu morali – Rekwiżiti minimi*

(Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 76(d))

(ara l-punti 61-63)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' deċiżjoni implícita tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad it-talba konfermattiva għal aċċess għal dokumenti mressqa mir-rikorrent fl-20 ta' Jannar 2017 kif ukoll id-Deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni C(2017) 3718 finali, tal-24 ta' Mejju 2017, sa fejn hija tirrifjuta l-aċċess għal nota li tikkonċerna r-reklutaġġ tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex tikseb kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rifjut ta' aċċess għal dawn id-dokumenti kif ukoll mid-dewmien fl-eżami tat-talba għal aċċess għall-imsemmija dokumenti.

Dispożittiv

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni implícita tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad it-talba konfermattiva għal aċċess għal dokumenti mressqa minn RE fl-20 ta' Jannar 2017.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.